MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 556/2002

**Golden Harvest Mfg. Co. Ltd.**

**Vs**

**Subway Malta Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4409.61,0 (erbat elef, erba' mija u disgha Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha;**

**2. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Lulju tas-sena 2002 kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici datata l-4 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha irriduciet l-ammont fuq indikat b'hames mitt Liri Maltin, (Lm500.00,0);**

**Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li wkoll iggib id-data tal-4 ta' Novembru 2002 li permezz taghha infurmat lill-qorti li kienet qed tammetti t-talbiet attrici kif dedotti flimkien ma' l-ispejjez relattivi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti in vista ta' l-ammissjoni fuq riferita tilqa' t-talbiet attrici kif ridotti u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Subway Malta Limited biex thallas l-ammont ta' tlett elef, disa' mija u disa' Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu, (Lm3909.61,0), lis-socjeta' attrici Golden Harvest Mfg.Co.Ltd., bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data ta' l-ittra ufficcjali tat-12 ta' Lulju tas-sena 2002.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------